# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XVI**
**Illum il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 158/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' att ta' citazzjoni datat 6 ta' Ottubru, 1997) kontra Charles Pace talli fix-xahar ta' Awissu 1997 u fix-xhur ta' qabel naqas li jhallas lil martu Anna Pace u lill uliedu minuri l-manteniment ta' Lm44 fil-gimgha hekk kif ordnat b'digriet numru 38 ta' 17.10.95 ta' l-Onor. Imhallef Dr. F. Depasquale B.A., LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Charles Pace hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu "ghall-perjodu ta' hmistax il-gurnata prigunerija";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Pace, minnu ppresentat fis-21 ta' Gunju, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. L-appellant, fir-rikors tieghu, eccepixxa in linea preliminari il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, u din is-sentenza hija limitata ghal din l-eccezzjoni. Hu jikkontendi, bazikament, illi f'ebda zmien fis-sena 1997 huwa ma gie notifikat bil-komparixxi bl-imputazzjoni kif dedotta.

2. L-imputazzjoni tirreferi ghax-xahar ta' Awissu 1997 u x-xhur ta' qabel. Jekk wiehed jiehu l-hmistax-il gurnata, imsemmija fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, fuq l-ahhar jum ta' Awissu, il-preskrizzjoni ta' tlett xhur bdiet tiddekorri mill-15 ta'

Settembru, 1997. Fl-atti hemm zewg riferti, datati 14 ta' Ottubru, 1997 (fol. 3, ezibita fl-ewwel udjenza tat-23 ta' Ottubru, 1997) u 11 ta' Novembru, 1997 (fol. 5, ezibita fit-tieni udjenza ta' l-20 ta' Novembru, 1997), li t-tnejn inghataw lil Ruth Schembri fl-indirizz "Camgre", Flat 2, Triq Santa Rita, Birzebbuga. Fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 1997, wara li ghat-tieni darba l-imputat ma deherx, il-Qorti Inferjuri ordnat l-arrest tieghu. Sa l-udjenza tat-8 ta' Jannar, 1998 l-imsemmi mandat ta' arrest kien ghadu ma giex ezegwit.

3. Biex l-ewwel qorti ordnat l-arrest ta' l-imputat (appellant odjern) hija necessarjament kienet qed tassumi, kif kellha kull dritt li taghmel fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, li n-notifiki tal-14/10/97 u 11/11/97 kienu saru skond il-ligi u li ghalhekk l-imputat kien debitament notifikat skond il-ligi.

4. L-Artikolu 362 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li c-citazzjoni ghandha tinghata f'idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka, izda jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha tithalla fid-dar fejn soltu dik il-persuna tkun toqghod ("at his usual place of abode", fit-test Ingliz tal-ligi). Jekk citazzjoni, flok ma tinghata lill-persuna mharrka, tithalla ma xi hadd iehor pero` mhux fid-dar fejn il-persuna mharrka tkun soltu toqghod, ma tiskattax il-presunzjoni tal-validita` tan-notifika.

5. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti mhix sodisfatta li fix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 1997 l-appellant kien jirrisjedi ma' Ruth Schembri f'Birzebbuga. Ghalkemm Anna Pace (mart l-appellant) tghid li wara Awissu ta' l-1997 zewgha u Schembri kienu marru joqghodu Birzebbuga, dan tghidu mhux ghax tafu *di scienza propria* izda fuq dak li kien qalilha haddiehor. L-appellant, fid-deposizzjoni tieghu, jghid li fiz-zmien in kwistjoni – Ottubru, Novembru, Dicembru, 1997 – hu kien jghix Ghawdex, gewwa Marsalforn. Meta ggieled ma' Ruth Schembri f'Ottubru 1997, din marret toqghod wahedha Birzebbuga. Ruth Schembri xehdet fis-7 ta' Dicembru, 2000, u qalet li f'Ottubru u Novembru ta' l-1997 hija kienet toqghod Birzebbuga u l-appellant ma kienx joqghod maghha ghax dak iz-zmien kienu miggildin. Tghid ukoll, pero`, li l-appellant kien imur Birzebbuga kull tlett gimghat biex jara t-tifla z-zghira taghhom. Hi ma kienitx tiftakar bin-notifiki tal-14/10/97 u 11/11/97, u wisq anqas ghalhekk setghet tghid jekk kienitx tat ic-citazzjoni u/jew l-avviz tad-differiment lill-appellant.

6. Fin-nuqqas ta' xi prova li l-appellant kien irceva qabel il-15 ta' Dicembru, 1997 ic-citazzjoni jew xi avviz biex jidher il-qorti, u galadarba ma hemmx il-presunzjoni tal-validita` taz-zewg notifiki aktar 'l fuq imsemmija peress li ma jirrisultax li l-appellant kien joqghod Birzebbuga, il-mandat ta' arrest ordnat fl-20 ta' Novembru, 1997 kien ukoll invalidu ghall-finijiet ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Jidher, ghalhekk, li sal-udjenza tat-8 ta' Jannar, 1998 l-azzjoni kienet preskritta.

7. Ghall-motivi premessi, tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellant, tiddikjara l-azzjoni preskritta skond il-ligi, u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur